

32004D0006

L 3/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.1.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-5 ta' Novembru 2003****li tistabbilixxi Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoniet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2004/6/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) F'Ġunju 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet 2001/527/KE ⁽¹⁾ u 2001/528/KE ⁽²⁾ li jstabbilixxu l-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej u l-Kumitat tat-Titoli Ewropej rispettivament.
- (2) Fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Frar u tal-21 ta' Novembru 2002, il-Parlament Ewropew endersja l-qafas regolatorju fuq erba' livelli mitkellem favuru fir-Rapport Finali tal-Kumitat ta' l-Għorrief u sejjaħ għalbiex jiġu estiżi ċerti aspetti ta' dan l-avviċinament għas-setturi tal-banek u ta' l-assigurazzjoni bla ħsara għal impenn ċar mill-Kunsill għal riforma sabiex jiġi ggarantit bilanċ istituzzjonali xieraq.
- (3) Fit-3 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta dawn l-arranġamenti fl-oqsmha tal-banek u ta' l-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol u li tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun kumitati ġodda f'kapaċità konsultattiva fejn jidħlu dawn l-oqsmha.
- (4) Għandu jiġi stabbilit Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") sabiex iservi bħala korp indipendenti għar-riflessjoni, id-dibattitu u l-pariri għall-Kummissjoni fl-oqsmha ta' l-asikurazzjoni, l-assigurazzjoni mill-ġdid u l-pensjonijiet tax-xogħol. Madankollu, rigward il-kamp tal-pensjonijiet tax-xogħol, filwaqt li l-Kumitat għandu jikkunsidra l-aspetti regolatorji u tas-sorveljanza fejn jidħlu dawn l-arranġamenti, ma għandux jindirizza aspetti tax-xogħol u soċjali, bħalma huma l-organizzazzjoni tar-reġimi tax-xogħol, u b'mod partikolari, il-kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mas-sħubija (affiljazzjoni) obbligatorja jew mar-riżultati tal-ftehimijiet tan-negozjati kollettivi.
- (5) Il-Kumitat għandu jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni konsistenti u f'waqtha tal-legislażzjoni Komunitarja fl-Istati Membri billi jiżgura koperazzjoni iktar effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza, iwettaq rivisti ta' bejn l-isħab u jippromwovi l-aħjar prattiċi.

- (6) Il-Kumitat għandu jorganizza l-arranġamenti operattivi tiegħu nnifsu, b'mod partikolari iqis l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, u jżomm rabtiet operattivi mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/9/KE tal-5 ta' Novembru 2003, li tistabbilixxi Kumitat ta' l-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej ⁽³⁾. Għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu.
- (7) Fi stadju bikri, il-Kumitat għandu jikkonsulta b'mod estensiv u f'manjera miftuħa u trasparenti lill-parteċipanti tas-swieq, lill-konsumaturi u lill-utenti ta' l-aħħar.
- (8) Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli tiegħu nnifsu tal-proċedura u jrispetta bis-sħiħ il-prerogattivi ta' l-istituzzjonijiet u l-bilanċ istituzzjonali stabbiliti bit-Trattat,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa hawnhekk stabbilit grupp konsultattiv dwar l-assigurazzjonijiet u l-pensjonijiet tax-xogħol fil-Komunità, imsejjaħ "il-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej" (minn issa 'l quddiem riferit bħala "il-Kumitat").

Artikolu 2

Ir-rwol tal-Kumitat għandu jkun li jagħti pariri lill-Kummissjoni, jew fuq it-talba tal-Kummissjoni, fil-limitu taż-żmien li l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja, jew fuq l-inizjattiva tal-Kumitat innifsu, b'mod partikolari rigward it-tħejjija ta' l-abbozz tal-miżuri ta' implimentazzjoni fl-oqsmha ta' l-assigurazzjoni, l-assigurazzjoni mill-ġdid u l-pensjonijiet tax-xogħol.

Il-Kumitat għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni konsistenti tad-Direttivi Komunitarji u għall-konverġenza tal-prattiċi tas-sorveljanza ta' l-Istati Membri fil-Komunità kollha.

Il-Kumitat għandu wkoll jikkostitwixxi forum għall-koperazzjoni fis-sorveljanza, inkluż l-iskambju tat-tagħrif dwar l-istituzzjonijiet tas-sorveljanza.

⁽¹⁾ ĠU L 191, tat-13.7.2001, pġ. 43.⁽²⁾ ĠU L 191, tat-13.7.2001, pġ. 45.⁽³⁾ Ara l-paġna 34 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 3

Il-Kumitat għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' livell għoli mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-sorveljanza ta' l-assigurazzjonijiet, l-assigurazzjonijiet mill-ġdid u l-pensjonijiet tax-xogħol. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jinnomina rappreżentanti ta' livell għoli mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu sabiex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat.

Il-Kummissjoni għandha tkun preżenti fil-laqgħat tal-Kumitat u għandha tinnomina rappreżentant ta' livell għoli sabiex jieħdu sehem fid-dibattiti tiegħu.

Kull meta d-diskussjoni dwar punt fuq l-aġenda tintitola l-iskambju ta' taġrif kunfidenzjali li jirrigwarda istituzzjoni ssorveljata, il-parteċipazzjoni fid-diskussjoni tista' tiġi ristretta għall-awtoritajiet tas-sorveljanza involuti direttament.

Il-Kumitat għandu jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu.

Il-Kumitat jista' jistieden esperti u osservaturi sabiex jattendu l-laqgħat.

Il-Kumitat ma għandux jindirizza aspetti tal-liġijiet tax-xogħol u soċjali bħalma huma l-organizzazzjoni tar-reġimi tax-xogħol, b'mod partikolari s-sħubija obbligatorja u r-risultati tal-ftehimijiet tan-negozjati kollettivi.

Artikolu 4

Il-Kumitat għandu jżomm rabtiet operattivi mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni 2004/9/KE.

Jista' jistabbilixxi gruppi tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna sabiex tiegħu sehem fil-gruppi tax-xogħol bħala osservatur.

Artikolu 5

Qabel ma jittrasmetti l-opinjoni tiegħu lill-Kummissjoni, il-Kumitat għandu, fi stadju bikri, jikkonsulta b'mod estensiv u f'manjiera miftuħa u trasparenti mal-parteċipanti tas-swieq, mal-konsumaturi u ma' l-utenti ta' l-aħħar.

Artikolu 6

Il-Kumitat għandu jissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura u jorganizza l-arranġamenti operattivi tiegħu nnifsu.

Artikolu 8

Il-Kumitat għandu jidħol għal dmirijietu fl-24 ta' Novembru 2003.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni